MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1818/1998/1

**Christine Pace**

**vs**

**Christopher Pace**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Ottubru, 1987;
Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom it-tifel minuri Jan Pace;
Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali, jew dwar id-drittijiet essenzjali u obbligi tal-istess jew minhabba xi anomalija serja psikologika li ghamlitha mpossibbli ghalihom jew min

minnhom biex jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba qerq u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza;
Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien vizzjat minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg jew tad-dritt tal-att konjugali;
Illi ghalhekk iz-zwieg imsemmi huwa null fil-ligi.
Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-
1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat fl-4 ta' Ottubru 1987 bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.
Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 1999.

Rat ir-rikors ta' l-attrici Christine Pace datat 27 ta' Awissu 1999 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex in-notifika tal-konvenut issir permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 1999 fejn laqghet it-talba b'dan li jigi segwit dak indikat fl-**artikolu 187(3) tal-Kapitlu 12.**

Rat il-verbali tal-25 ta' Ottubru 1999; tat-22 ta' Marzu 2000; tat-12 ta' Gunju 2000; tas-7 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nonostante l-kontumacja tal-konvenut, innominat lil Dr. Irene Bonello biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-20 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Settembru 2001; tad-9 ta' Jannar 2002; u tas-27 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota tal-attrici tas-16 ta' April 2002 li permezz taghha esebiet kopja ta' sentenza deciza in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Irene Bonello.

Rat il-verbali tat-18 ta' Gunju 2002 fejn dehret il-Perit Legali li halfet ir-rapport. Dr. Noel Bartolo ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2002.

Rat ir-relazzoni tal-Perit Legali Dr. Irene Bonello.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A). PROVI.

Illi l-**attrici** fid-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa mac-citazzjoni ddikjarat l-istess punti minnha imsemmija fil-premessi tac-citazzjoni, kkwotati supra fil-paragrafu 1.1. a] ta' din ir-relazzjoni u kkonkludiet: *"Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."* Flimkien mac-citazzjoni, l-attrici esebit Dok. "CP1" u Dok. "CP2" li huma rispettivament estratt veru mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti u estratt veru mic-certifikat ta' twelid tal-minuri Jan Pace.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2000 l-attrici xehdet minn jeddha:

*"Jiena bdejt nohrog ... mal-konvenut f'Lulju 1986. Jiena diga' kont nafu minn qabel ghax dan kien il-hairdresser tieghi; u anke kont naf il-klikka tal-hbieb tieghu.*

*F'Lulju 1986 bdejna nohorgu jiena u huwa bhala hbieb. Ghall-ewwel konna nohorgu flimkien forsi darbtejn fil-gimgha u mbaghad bdejna niltaqghu kuljum. Bil-mod il-*

*mod 'we fell in love', u wara li konna hrigna flimkien xi 'eight, nine months' iddecidejna li nizzewgu.*

*Izzewwigna f'Ottubru tal-1987.*

*L-ewwel darba li ssemma zwieg kien ... meta konna morna Ghawdex jiena u huwa wehidna ... precizament f'Jannar 1987 u gejna lura Malta ... fi Frar 1987.*

*Hawn nispjega li f'dak il-perjodu il-konvenut kien joqghod wahdu fi flat. Mill-genituri tieghu hija hajja ommu. Jiena kont noqghod mal-genituri tieghi. Kien gara li kont fil-karozza mieghu u ghidtlu li xtaqt nibqa' noqghod mieghu fil-flat. Huwa qalli: "Taf li ma tistax." u zied: "Jiena nixtieq nibqa' mieghek ghal dejjem." u kien sincier, almenu hekk nahseb. Qalli: "Ma tistax toqghod ghandi. Jekk taghmel hekk iridu nizzewgu." Jiena qbilt mieghu u ddecidejna li xi darba kellna nizzewgu.*

*Fil-gimgha ta' wara ddecidejna li peress li huwa diga' kellu post ma kienx mehtieg li nistennew hafna biex nizzewgu, u ghalhekk bdejna nduru s-sali biex nibbukjaw sala ghat-tieg. Kellna hsieb li nizzewgu f'Ottubru ta' dik is-sena.*

*Il-mummy tieghi kienet taf lill-konvenut peress li kienet tmur taghmel xagharha ghandu. Kienet taf ukoll li konna nohorgu flimkien pero' huwa qatt ma gie id-dar qabel.*

*L-ewwel darba li gie id-dar informajna lill-genituri tieghi li konna ser nizzewgu. Ghall-ewwel hadu naqra ta' qatgha peress li ma kienux qeghdin jistennew din l-ahbar. Meta ghednielhom li konna ser nizzewgu f'Ottubru raw li kien hemm ftit zmien. Fil-fatt ommi kienet qalet: "Daqshekk malajr!" Assumejt li ommi hasbet li kont 'pregnant'. Imma jiena ma kontx 'pregnant'.*

*Informajna lil ommi li Christopher kellu flat u li stajna ghalhekk nizzewgu minghajr ma noqoghdu nistennew. Hi kienet tmur tajjeb mieghu.*

*Il-papa' dak iz-zmien ma kienx jiflah hafna, kellu 'cancer', kellu tumur f'rasu. Kien ghamel operazzjoni u kien*

*effettwatlu l-'ispeech' ... . Pero' kien kuntent meta l-'mummy' spjegatlu li konna ser nizzewgu. Ir-reazzjoni tieghu kienet ta' ferh.*

*Mal-'mummy' tieghu, jiena u hi 'we get on very well' u anke mal-familja kollha tieghu. Huwa ghandu tliet (3) hutu bniet.*

*Huwa jigi t-tielet wiehed fost hutu. Il-kbira u t-tieni wahda huma mizzewgin u hemm ohtu z-zghira li hija ghadha xebba.*

*Jiena ghandi ohti biss.*

*Attendejna ghall-kors ta' Kana f'Mejju 1987. Iddecidejna flimkien fuq il-libsa peress li huwa jifhem hafna fil-hwejjeg u fil-moda. Ghat-tieg cjoe' ghall-preparattivi tat-tieg iddecidejna kollox flimkien.*

*Konna kuntenti li konna ser nizzewgu.*

*Konna nghidu li ghall-ewwel ma ikollniex tfal ghax ippreferejna ngawdu ftit qabel. Jiena kont ghadni zghira kelli tnejn u ghoxrin (22) u xahar wara z-zwieg ghalaqt tlieta u ghoxrin (23). Iddecidejna li forsi jkollna tfal hames (5) snin wara z-zwieg u definittivament mhux qabel.*

*Gara li t-tifel taghna twieled f'Marzu 1989. Jiena hrigt 'pregnant' disa' (9) xhur wara z-zwieg. Ahna zzewwigna fl-4 ta' Ottubru 1987.*

*Sat-twelid tat-tifel konna sejrin tajjeb hafna. Kollox kien normali.*

*Huwa, cjoe' l-konvenut meta zzewweg kellu hamsa u ghoxrin (25).*

*Wara li twieled it-tifel il-hajja nbidlet. Dak iz-zmien jiena kont qeghda naghmel kors ghal B.A. 'evening course' l-Universita' ta' Malta.*

*Kemm qabel iz-zwieg u kif ukoll wara jiena kont nahdem fl-Ambaxxata ta' Franza 'full-time'. Kif diga' ghidt huwa kien jahdem bhala 'hairdresser'. Hawn nispjega li ghall-bidu kien jahdem go 'saloon' bhala mpieg u meta t-tifel kellu xi hames (5) snin il-konvenut fetah 'saloon' tieghu.*

*Jiena waqaft mix-xoghol f'Jannar 1989 u dan minhabba t-tifel.*

*Wara t-twelid tat-tifel kif ghidt l-istil tal-hajja taghna nbidel. Hawn nispjega li anke r-relazzjoni sesswali taghna ma baqghetx bhal qabel u cjoe' mhux li waqfet kompletament pero' bdiet tonqos u kien hemm hafna ragunijiet ghaliex. L-ewwel haga, l-'baby' beda jqum matul il-lejl, thossok ghajjiena u ma jkollokx aptit ikollok relazzjoni mar-ragel. Hawn nispjega li ghar-ragel il-'baby' kien xokk kbir. Sa certu punt anke ghalija pero' jiena b'xi mod jew iehor accettajt it-tarbija.*

*Kont ferhana hafna bil-'baby'. Kelli 'nine (9) months' biex nidra l-'baby'.*

*It-tnejn li ahna konna niehdu hsieb il-'baby' u nqumu bil-lejl biex jiehdu hsiebu. Dak iz-zmien jiena kont ghadni nistudja fl-'evening course' li semmejt, u huwa meta ma kontx id-dar kien jiehu hsieb il-'baby'.*

*Nispjega li kif ghidt qabel, kemm ghalija u kif ukoll ghalih, il-'baby' kien xokk peress li kif ghidt konna ddecidejna li ma jkollniex tfal qabel ma jghaddu hames (5) snin miz-zwieg.*

*Nispjega li matul il-bidu taz-zwieg ma konna nuzaw l-ebda kontracettivi artificjali izda konna noqoghdu fuq il-metodu naturali li pero' ma rnexxiex. Il-wasla tat-tarbija ghall-konvenut tant kienet xokk li qalli li kelli nibda niehu l-'pill' biex nevita 'pregnancy' ohra. Dak iz-zmien jiena kont qbilt ma' din id-decizjoni ghax ma ridtx 'baby' iehor; pero' meta t-tifel kellu xi sentejn jiena bdejt nixtieq li jkolli 'baby' iehor pero' r-ragel ma ried jaf bl-ebda mod u ghalhekk bqajt fuq il-'pill'.*

*Nispecifika li meta zzewwigt, peress li kelli 22 sena hassejt li ma kontx ippreparata biex ikolli tfal u xtaqt ukoll li ngawdu ftit il-hajja qabel ikollna tfal.*

*Nixtieq nghid ukoll li r-relazzjonijiet sesswali bejnietna wara t-twelid tat-tifel bdew jonqsu peress li r-ragel kien qieghed jibza' hafna li nerga' nohrog tqila. Il-fatt ukoll li kont qeghda niehu l-pill effetwatni b'mod li ma kellix aptit relazzjoni sesswali bhal qabel.*

*Beda ghaddej iz-zmien, spiccajt il-kors u jiena bdejt nahdem bhala ghalliema De La Salle College 'full-time'. Dan kien f'Ottubru 1992 u hawn nispjega li dak iz-zmien meta bdejt nahdem id-distakk bejnietna aktar kiber. Per ezempju huwa kien ikun 'off on a Monday' u jien kont nahdem 'on a Monday' u kwazi ma kont narah qatt. Huwa on a Monday, l-'off-day' tieghu kien johrog wahdu. It-tarbija kienet tkun jew ghand ommi jew ghand ommu. Huwa ma kienx jiehu hsiebha, kien jitlaq 'il barra avolja kien 'off'. Jiena kont nirritorna d-dar mix-xoghol fit-3:00p.m. u kont immur ghat-tarbija u ma kontx insib ir-ragel id-dar 'on a Monday'. Huwa beda johodha 'for granted' li Monday hija l-'off day' tieghu u kien jghidli: "Meta inti kont qeghda tistudja, jiena kont niehu hsieb it-tarbija u issa ghandi bzonn l-ispazju tieghi."*

*Fil-'weekends' konna nohorgu flimkien, jiena, ir-ragel u t-tarbija regolarment. Kollox kien jidher normali.*

*F'Awissu 1995 'just out of the blue' meta jiena u zewgi konna qeghdin naraw 'video', f'daqqa wahda ghamel il-'video' fuq 'pause' u qalli: "Christine ghandi xi haga xi nghidlek, ili hafna nipprova nghidlek pero' ma kellix il-kuragg, imma issa ma nistax nibqa' sejjer hekk ghalhekk iddecidejt li nghidlek u mbaghab naraw x'jigri." Qalli: "I am gay." Ghalija kien xokk peress li sa dak il-punt jiena ma kelli l-ebda ndikazzjoni ta' dan. Staqsieni: "Ma kontx taf?" Huwa qal hekk ghax forsi kien jispera li xi darba kont ninduna jiena u b'hekk niffrankalu li jkollu joqghod jghidli. Izda sa dakinhar stess jiena ma kelli l-ebda suspett."*

Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2001 **l-attrici** kompliet tixhed minn jeddha:

*"... wara li konna ilna nohorgu flimkien ghal xi xahrejn ... qrib l-ahhar ta' September 1986, kont mort Ghawdex mieghu, mal-mummy tieghu u ma' ohtu u t-tfal t'ohtu - hi kellha zewgt (2) itfal. Konna noqoghdu go 'flat' flimkien u dan forsi ghal xi tliet (3) ijiem - kien 'weekend'. Darba fil-ghaxija konna morna passiggata jiena u huwa. Fil-fatt konna morna nghumu wkoll u dakinhar kienet l-ewwel darba li kellna x'naqsmu sesswalment flimkien. Wara li sar l-att huwa deher inkwetat hafna u beda jghidli: "Sorry, ma missniex ghamiltlek hekk." Baqa' jghidli "sorry" l-hin kollu u fl-ahhar qalli: "Ahjar nibqghu hbieb biss ghal issa." Jiena kont naqra 'surprised', imma huwa beda jghid li 'we went too far too soon' u jiena qbilt mieghu fil-fatt. Dan gara f'dak il-'weekend' li konna Ghawdex.*

*Irritornajna Malta u komplejna nohorgu flimkien bhala hbieb pero' wara dan l-incident hassejna izjed il-gibda lejn xulxin u ma bqajniex sempliciment hbieb, u tant hu hekk li kellna x'naqsmu sesswalment f'okkazjonijiet ohra qabel iz-zwieg. Huwa f'dawk l-okkazjonijiet qatt ma semma xejn aktar.*

*Nixtieq inzid ma' dak li xhedt fis-seduta precedenti u nispjega li kif ghidt wara t-twelid tal-'baby', jiena mort fuq il-'pill'. Jiena bdejt meta l-'baby' kellu bejn hames (5) u sitt (6) xhur. Ir-ragel tant kien jibza' li jiena nerga' nohrog 'pregnant' li konna nuzaw ukoll il-'condoms'.*

*Ir-ragel kien jiccajta fuq il-'gays' fis-sens li kien juri li kien jikkonsidrihom xi haga tac-cajt. Nahseb li 'this was a way' ghalih 'to cover up'.*

*Huwa, kif xhedt l-ahhar darba, qalli li huwa 'gay' pero' huwa qal ukoll li kien ghadu jhobbni u jhobb lit-tifel; u qalli li jiena kont l-unika persuna li maghha kellu x'jaqsam sesswalment pero' din kienet gidba - sirt naf wara. Qalli wkoll li kien tkellem ma' xi hbieb tieghu fuq din il-problema peress li kien ilu jahsibha u li kien mar ikellem lil xi*

*qassisin; u li dawk il-qassisin kienu qalulu biex huwa ma jghidli xejn.*

*Jiena malli sirt naf li huwa ‘gay’ hadt xokk kbir. Ir-reazzjoni tieghi kienet ta' ‘disbelieve’ - fil-fatt staqsejtu: "Inti qieghed tahseb hekk jew inti zgur li inti hekk?" Huwa qalli li ‘deep down’ huwa minn dejjem kien jaf, minn mindu kien zghir. Imbaghad beda jghidli li allavolja kien jaf ‘deep down’ ma riedx jghidli peress li ma riedx jaccetta li kien hekk u li kien dejjem jispera li mhux veru. Imbaghad beda jirrakkuntali esperjenzi li ghadda minnhom u beda jipprova jsib raguni ghaliex huwa hekk. Qalli li meta kien l-iskola kien abbuzat mit-tfal l-ohra, li ma' missieru ma kellux relazzjoni fis-sens li kwazi qatt ma kienu jitkellmu ma' xulxin, li missieru kien jaghti hafna attenzjoni lil ohtu l-kbira u li din kienet tibbuljah fis-sens li kienet taghtih xebgha. Huwa qalli dawn l-affarijiet kollha meta qalli li huwa ‘gay’. Jiena emmintu u meta qalli li huwa ma kellux x'jaqsam sesswalment ma hadd hliefi emmintu u hsibt li kien baqa' fidil lejja; izda bil-mod il-mod il-verita' kollha bdiet tohrog.*

*Ftit wara, forsi xi gimghatejn wara huwa qalli li mhux veru li ma kellux relazzjonijiet sesswali ma’ persuni ohra u spjegali li huwa ma kellux relazzjonijiet sesswali ma' mara ohra hliefi.*

*Meta ndunajt li huwa fil-fatt kien ittradini - u jiena dak il-hin hsibt li ttradini wara z-zwieg - jiena rrabbjajt hafna u huwa qisu ried jiggustifika lilu nnifsu bil-kliem "Wara kollox jiena ragel u mhux anglu." Imbaghad huwa ammetta li kellu relazzjonijiet sesswali ma' rgiel ohra waqt iz-zwieg. Ghalih peress li kienu irgiel u mhux nisa qisu baqa' fidil fiz-zwieg. Imbaghad jiena staqsejtu kemm-il darba kellu dawn ir-relazzjonijiet sesswali ma' rgiel, ma min mar, fejn u kemm kien ilu jaghmel hekk wara dahri.*

*Huwa qalli li kien beda jaghmel hekk meta t-tifel kellu xi sentejn.*

*Allura meta qal li kien ‘gay’, jigi li skond l-informazzjoni li tani li huwa kien diga' ilu sitt (6) snin li kien qieghed jaghmel hekk.*

*Imbaghad beda jispjega kif kien jaghmel. Huwa kien sema' b'xi post fejn immorru l-'gays'. Darba kien mar wahdu biex jara - dan skond dak li qalli huwa. Fil-fatt dik l-ewwel darba li mar, skond dak li qalli, huwa ghamel aktar milli jara fis-sens kellu relazzjoni sesswali ma' ragel. Qalli l-ewwel darba li hassu hati hafna li ghamel hekk u qal li pprometta lilu nnifsu li ma jergax jaghmel l-istess haga imma fil-fatt kompla u beda jizdied."*

Illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2001 l-attrici kompliet tixhed minn jeddha:

*"Il-konvenut kien qalli li huwa gay f'Awissu 1995. Jiena kont ghidt fid-depozizzjoni tieghi tas-seduta precedenti illi meta qalli li huwa 'gay' ikkalkulajt li kien ilu sitt (6) snin pero' fil-fatt nikkoregi ruhi peress li kien ilu erba' (4) snin .*

*Wara xi gimghatejn li kien qalli darba staqsejtu jekk kien jaghmel hekk ghas-sess biss jew jekk darba kien veru habb lil xi hadd. Qalli li iva kien habb xi hadd, cjoe' ragel qabel ma ltaqa' mieghi, jigifieri qabel iz-zwieg. Milli stajt nifhem kienet relazzjoni 'close' hafna u kienet relazzjoni sesswali wkoll. Jiena meta qalli hekk irrabjajt hafna ghax indunajt li huwa kien jaf minn qabel iz-zwieg x'kienet is-sitwazzjoni tieghu. Irrabjajt ukoll ghax dan il-bniedem kont nafu u fil-fatt wara z-zwieg darba hrigna flimkien, jiena, zewgi u dan il-bniedem u maghna kien hemm nies ohra u cjoe' konna grupp, u darb'ohra dan il-bniedem gie jiekol ghandna mhux wahdu izda kien ma' koppja ohra. Jiena naf li dan il-bniedem jismu Ray u ma nafx x'kunjomu.*

*Jiena malli sirt naf b'tali relazzjoni ta' zewgi qabel iz-zwieg staqsejtu ghaliex ma qallix qabel. Huwa rrispondieni li huwa beza' li jitlifni u haseb ukoll li dik forsi kienet fazi li tghaddi; ghalhekk zamm kollox mistur minni. Hemmhekk kienet l-ewwel darba li fhimt ghaliex kien qalli dawk il-kliem Ghawdex.*

*Wara dak iz-zmien l-affarjijiet marru lura. Ahna pprovajna nsalvaw iz-zwieg. Fl-ahharnett konna morna ghand 'counsellor' privata Jennifer Pace Zammit. Anke qabel*

*ahna t-tnejn pprovajna nirrangaw pero' kellna hafna problemi anzi nghid li kienet impossibbli. Meta morna ghall-'counselling' jiena kont ghadni nittama li nsibu xi soluzzjoni imma qisu bil-'counselling' Chris aktar beda jinduna bil-gravita' tal-kundizzjoni tieghu. Fil-fatt huwa hareg bl-idea li nisseparaw ghax ma setax ikompli. Bqajna nghixu flimkien wara li konna ddecidejna li nisseparaw. Wara dik is-sena sar il-kuntratt cjoe' f'Mejju 1998. Konna morna ghall-'counselling' bejn April u Gunju 1997."*

Illi l-**konvenut** xehed in subizzjoni:-

*"Jiena nikkonferma dak kollu li xehdet marti fis-seduti peritali.*

*Nikkonferma li qabel iz-zwieg jiena kelli relazzjoni sesswali ma' Ray Micallef. Din ir-relazzjoni kienet wahda diffikultuza peress li ahna t-tnejn konna fi stadju fejn konna nafu li ahna 'gay' pero' ma ridniex naccettawha u ghalhekk kien isir kollox bil-mohbi. F'dak il-perjodu lanqas kont ghadni naf lill-attrici. Din kienet l-ewwel relazzjoni tieghi omosesswali u kelli wiehed u ghoxrin (21) sena. Kienet relazzjoni 'on and off' u forsi damet xi sena jew sena u nofs. Iddecidejt li nbiddel hajti u dan ghaliex dan Ray kien weggghani. Wara tali relazzjoni hassejtni qisni 'numb', speci ta' ma nafx fejn jiena.*

*Qabel ma ltqajt ma' Ray jiena kelli wkoll xi tfajliet. Dawn kienu relazzjonijiet dejjem ta' xi sena u nofs u kienu relazzjonijiet bis-sens, u cjoe' serji peress li kont nohrog regolarment mat-tfajla li kelli, kienet relazzjoni 'steady' normali. Bdejt nohrog mat-tfajliet fl-eta' ta' sbatax (17)-il sena u anke izghar, u cjoe' anke ta' sittax (16)-il sena. B'kollox kelli tliet (3) tfajliet qabel ma ltqajt ma' Ray Micallef.*

*Iltqajt ma' dan Ray tramite habiba li issa saret habiba komuni tieghi u tal-mara. Din hi Mairead Caruana Montaldo. Iltqajt mieghu meta konna nohorgu bhala grupp ta' hbieb. Konna cikka kbira u huwa kien iwassalni d-dar u bil-mod il-mod bdejna nsiru dejjem aktar hbieb. Dan Ray ghandu xi hames (5) snin aktar minni. Kien huwa li*

*hajjarni jkolli relazzjoni omosesswali mieghu. Hajjarni fis-sens li permezz ta' kliem u d-diskors tieghu mmanipolani b'tali mod li kkonvincejt ruhi li nkompli mieghu sesswalment. Forsi bhala eta' kelli ghoxrin (20) sena u mhux wiehed u ghoxrin (21) sena meta bdejt din ir-relazzjoni ma' Ray Micallef. Jiena habbejtu u meta r-relazzjoni spiccat jiena ddecidejt li ma ridt naf b'hadd la nisa u lanqas irgiel, decidejt li nibqa' 'bachelor'.*

*Nghid li ftit wara li spiccat ir-relazzjoni ma' Ray Micallef, jiena rajt l-ewwel darba lill-attrici peress li kienet bdiet tigi tqatta' xaghrha ghandi u konna hbieb semplici u cjoe' konoxxenti biss peress li konna niffrekwentaw l-istess postijiet ta' divertiment. Wara sena u nofs bdejna nilaghbu 'tennis' flimkien bhala hbieb biss. Hi kienet daqsxejn wehidha fis-sens li ma tantx kellha hbieb u bdejna niltaqghu socjament biex nitkellmu. Imbaghad bil-mod il-mob zviluppat relazzjoni bejnietna. Gradwalment saret relazzjoni minn wahda ta' hbieb ghal wahda ntima.*

*Dwar ir-relazzjoni li kelli ma' Ray Micallef nghid illi jiena ma tkellimt ma' hadd hlief Frank Ciarlo'.*

*Jiena meta bdejt nohrog ma' l-attrici ddecidejt li ma nghidilha xejn bir-relazzjoni li kelli peress li jiena hsibt li r-relazzjoni li kelli ma' Micallef kienet biss fazi li spiccat dan ukoll peress li kont sirt inhobb lill-attrici.*

*Qabel iz-zwieg jiena u l-attrici konna 'close' hafna. Konna naghmlu kwazi kollox flimkien. F'dan iz-zmien ma kellhiex gibdiet ohra lejn irgiel ohra u lanqas kelli relazzjoni ma' rgiel. Dak iz-zmien jiena kont nara lill-attrici bhala l-futura marti.*

*Qabel iz-zwieg kont kellimt ma' zewg hbieb tieghi tfajliet li kienx 'ex-girlfriends' tieghi. Dawn huma Josette Vassallo, il-lum soru u Nathalie Schembri. Kellimt maghhom individwalment u aktar ma' Josette. Spjegajtilhom li kelli relazzjoni ma' Ray Micallef u tlabt l-parir taghhom dwar jekk kellix nghidilha lill-attrici jew le. Josette iggustifikat il-fatt li ma kelliex ghalfejn nghidilha peress li skond hi jiena kont dort ghall-irgiel ghaliex Nathalie Schembri 'ex-*

*girlfriend' tieghi kienet wisq possessiva fir-rigward tieghi u ghalhekk skond Josette fittixt l-irgiel. Din il-gustifikazzjoni hija kull ma ridt jiena. Nathalie qaltli li dik kienet fazi biss cjoe' r-relazzjoni ma' Ray Micallef u li ghaddiet.*

*Imbaghad mort inqerr il-gurnata ta' qabel iz-zwieg u ghidt lil qassis kollox dwar Ray u staqsieni: "Imma inti cert li ser tkun leali lejn il-mara tieghek?" Jiena rrispondejt: "Jiena nhobbha u rridha bhala marti." Il-qassis tani l-assoluzzjoni u ma qallix li kelli nghidilha pero' ma dhaltx fiha dik.*

*Jiena kont cert dwar il-pass li kont ser naghmel cjoe' li nizzewweg peress li sesswalment jiena u l-attrici konna sejrin tajjeb u jiena kont inhobbha u hawn nispjega li ridt nkun maghha l-hin kollu u nghaddi hajti maghha u naghmlu kollox flimkien.*

*Ahna zzewwigna ... fi zmien sena u xahrejn jew erba' (4) xhur. Nghid li kont immatur proprju ghaliex ddecidejna li nizzewgu malajr u l-lum inhoss li kien immissna domna izjed qabel ma tiehu decizjoni bhal dik. Kellna tifel miz-zwieg taghna u ma ghandix 'regrets' u lanqas dwar ir-relazzjoni li kelli ma' Christine ma ghandix 'regrets'.*

*Meta zzewwigna, jiena meta tajt il-kunsens tieghi, tajtu hieles minn kundizzjoni fis-sens li jiena ridt nghix ma' Christine biss ghal dejjem, pero' kwantu ghal "ghal dejjem" kelli certa biza' presumibilment ghaliex hadd ma jista' jipprevedi l-futur.*

*Qabel iz-zwieg, tali stat ta' hajja, cjoe' z-zwieg kien iffisser ghalija committment lejn xulxin u li naqsmu hajjitna flimkien u li nsiru nafu aktar lil xulxin u nikbru flimkien.*

*Jiena meta zzewwigt kont naf xi jffisser zwieg u cjoe' dak li ghadni kif spjegajt pero' llum nghid li effettivamant ma kontx lest niehu dak it-tip ta' 'commitment' peress li ghaggilna fis-sens li zzewwigna malajr. Jiena meta sirt naf lil Christine ghamejt ghax Christine bniedma specjali bazikament.*

*Dwar ‘family planning’, nghid li qabel iz-zwieg konna ddecidejna li jkollna tfal wara hames (5) snin miz-zwieg jew qatt u cjoe’ ‘after five (5) years or never’ ghaliex ghalina r-relazzjoni li kellna bejnietna kienet bizzejjed.*

*Nippreciza li dak iz-zmien jiena qatt ma ridt tfal jew ma kellix bzonn tfal. Dwar ‘after five (5) years or never’ nghid li zgur sa hames (5) snin wara z-zwieg ma jkollniex tfal u wara hames (5) snin nitkellmu u jkollna tfal biss jekk naqblu li jkollna t-tfal. Dan id-diskors ta' bejnietna sar qabel iz-zwieg kif sar ukoll diskors dwar ‘adoption’ fis-sens li jekk ma stajniex ikollna tfal u niddeciedu li nkunu rridu tfal nipprocedu ghall-‘adoption’.*

*Jiena kont inhoss li konna ghadna zghar sabiex ikollna tfal immedjatament wara z-zwieg pero' ma niftakarx jekk kontx jiena li bdejt id-diskors li kellna nistennew hames (5) snin wara z-zwieg biex ikollna tfal. Nghid li t-tnejn ma konniex ppreparati ghat-tfal tant huwa hekk li meta harget ‘pregnant’, l-attrici u anke jiena hadna xokk kbir. Ghalija spicca kollox fis-sens li kienet spiccat l-‘bond’ li kienet tezisti bejni u bejnha ghax ghalija kienet importanti dik il-bond ta' bejnietna."*

Illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2001 il-**konvenut** xehed in risposta ghad-domandi tal-perit legali:-

*"Wahda mir-ragunijiet ghaliex xtaqt li ma jkollniex tfal immedjatament wara z-zwieg kienet li kellna ‘courting’ qasir hafna u xtaqt li nsiru nafu lil xulxin aktar u ngawdu u forsi nsiefru.*

*Izzewwigna u konna kuntenti u qatt ma nista' nghid li kont imdejjaq bl-attrici. Kellna l-‘honeymoon’ u fil-fatt sefirna ghal xi ghaxart (10) ijiem.*

*Huti saru jafu li jiena ‘gay’ wara li nformajt lill-attrici pero' jiena ma nafx x'kienu jahsbu huti. Ohti l-kbira hija l-aktar ‘close’ mieghi u tista' tixhed x'kienet thoss qabel ma saret taf u wara."*

Illi kompla jixhed in subizzjoni:-

*"Nispjega li bdejt inhoss anzi nghid bdew jiguni hsibijiet dwar attrazzjoni lejn irgiel meta l-attrici kienet waslet fl-ahhar perjodu tal-gravidanza taghha. Dan gara ghax kont rajt bicciet ta' 'blue films' minn fuq it-television gieli wahdi u gieli ma' l-attrici. Rajt dawn il-films u ergajt hassejt 'feelings' omosesswali. Jiena sopprimejt dawn il-'feelings'. Kien l-isbah zmien ta' hajti ghax kien gej it-tifel. Twieled it-tifel, ghadda xi zmien u kont go 'grocer' San Giljan u smajt konverzazzjoni bejn tnejn min-nies li naf u kienu tal-'grocer' stess, jitkellmu fuq post u cjoe' bajja vicin San Giljan fejn ikun hemm l-irgiel omosesswali. Imbaghad il-post li semmew baqa' f'mohhi u wara hafna zmien mort, jista' jkun anke wara sena. Mort biex nara x'hemm. L-ewwel darba mort u harist biss, it-tieni darba wkoll u t-tielet darba waqajt. Hawnhekk qisni hassejt 'guilt feeling' u ma kelli l-hadd ma min niftah qalbi. Imbaghad dort lejn Alla u kellimt ma' Father Joe Borg ta' Sarria li da parti tieghu qalli biex nipprova nzomm shih ghax skond huwa kien biss vizzju u ghalih ma kontx omosesswali. Father Borg poggieni 'in denial'. Nghid illum li dak iz-zmien jiena kelli bzonn 'counselling' u ma kontx naf min seta' jghinni.*

*Is-sitwazzjoni tieghi tal-lum hija omosesswali. Jiena ma nixtieqx inpoggi mara ohra fl-istess sitwazzjoni li poggejt lil Christine. Jiena kuntent li jiena qieghed nghix il-hajja tieghi kif qieghed nghixha, u accettajt lili nnifsi.*

*Nispjega li l-'marriage bond' ghalija kienet tikkonsisti biss fir-relazzjoni tieghi ma' Christine u meta sirt naf li Christine kienet 'pregnant' din il-'bond' inkisret.*

*Qabel iz-zwieg ma' kull min kellimt u cjoe' Josette Vassallo, Nathalie Schembri u anke l-'way of life' tieghi kienu jindikaw li ma kontx omosesswali. L-uniku bniedem li qalli biex nahsibha sewwa qabel nizzewweg kien Frank Ciarlo' li fil-fatt kien qalli dawn il-preciz kliem: "Nistennik tmur l-Amerka u ssib xi bjond." Jiena rrispondejt le peress li ridt nizzewweg lil Christine u peress li kont konvint li l-omosesswalita' kienet biss fazi u mhux kundizzjoni."*

Illi fis-seduta tal-20 ta' April, 2001 **il-konvenut** xehed mistoqsi mill-esponenti:-

*"Ahna qeghdin erba' (4) ahwa u jiena nigi qabel ta' l-ahhar.*

*Id-dar il-ġenituri tieghi tawni hafna mhabba u dixxiplina kif normalment jigri.*

*Kont aktar 'close' mal-mama' u dan peress li l-papa' ma tantx kien disponibbli biex inkellmu minhabba l-impenji tax-xoghol, kif fil-fehma tieghi huwa normali.*

*It-tfulija tieghi kienet kuntenta hafna u ghadna sal-llum naqblu hafna, anzi sirna nifhmu aktar lil xulxin.*

*Kwazi xahar wara li bdejna nohorgu flimkien jiena u Christine, introducejtha mal-mama' tieghi. F'dak iz-zmien il-papa' kien diga' miet.*

*Rigward il-papa' nghid li peress li konna erba' (4) ahwa jiena nghid li kont nimmissja l-prezenza tieghu. Konna nitkellmu, pero' jiena xtaqt li huwa jkellimni aktar. Ommi stess kienet tghidli: "Hallih ghax hu ghajjien bix-xoghol." Jiena llum il-gurnata peress li jiena stess missier nifhem aktar is-sitwazzjoni u cjoe' li missieri kellu hafna 'pressure' ta' xoghol u ma setax ikun mieghi daqs kemm xtaqt jiena. Huwa kien jahdem l-MDC bhala Segretarju fi zmien Laburista u tista' timmagina kemm kellu xoghol.*

*Mistoqsi jekk rajtx li missieri kellu xi preferenzi jew jekk hassejtx li kien jaghti aktar hin lil huti, nghid li ohti ta' qabli kellha hafna affarijiet 'in common' mieghu u hawn nghid mhux li missieri kien jaghmel preferenzi.  Li rrid nghid huwa li kellhom l-istess interessi per ezempju akkademici u sports. Dan ma jfissirx li missieri kien ihobbha aktar. Dak iz-zmien peress li kont ghadni zghir kien jeffettwani ftit il-fatt li kont nara li ohti ta' qabli u missieri kellhom l-istess interessi."*

Illi **Alexandra** maghrufa bhala **Sandra Mercieca**, prodotta mill-attrici, xehdet in ezami:-

*"Jiena nigi oht il-konvenut.*

*Jiena ma kont naf xejn dwar hija Chris cjoe' li kien 'gay' pero' kelli d-dubji tieghi u dan qabel iz-zwieg tieghu. Dwar id-dubji nghid li jigu mill-fatt li hija qatt ma kien jilghab futbol u kien ihobb jilghab maghna t-tfaljiet u cjoe' monopoly u anke bil-pupi fis-sens li kulma konna nilaghbu ahna kien jilghab maghna.*

*Naf li qabel ma beda johrog ma' Christine, hija kellu tfajliet ohra u fil-fatt ghalhekk imbaghad waqaft nahseb.*

*Wara z-zwieg sirt naf minghand hija l-konvenut stess li huwa kellu relazzjonijiet ma' ragel iehor qabel iz-zwieg. Kien qalli x'jismu pero' ma niftakarx. Naf li qalli wara li kien qal lil Christine l-attrici. Li gara kien li gie ghandi d-dar qalli b'kollox u t-tnejn konna qeghdin nibku.*

*Jiena 'close' hafna ma' hija pero' huwa qatt ma fetah qalbu mieghi dwar xejn.*

*Wara z-zwieg tal-kontendenti peress li konna noqoghdu vicin kont nara lill-konvenut tas-spiss u hafna drabi ma' Christine konna niltaqghu cjoe' il-kontendenti u jiena.*

*Dak iz-zmien 'they seemed to be alright'. Imma nghid: 'You can see one picture but at home it may be another. They know what is going on'.*

*Ahna, cjoe' il-familja tieghi qabel iz-zwieg tal-kontendenti konna kollha kuntenti biha, u hi taf. Kienu jigu spiss id-dar tal-mama'. Ahna familja li nhobbu niltaqghu ghand il-mama' kollha.*

*Naf li hija kien ihobb lil Christine u naf li dejjem habbha u huwa stess kien jghid li kien ihobbja u kien kuntent. 'That is the way it was'.*

*Mistoqsija jekk nafx jekk hija marx ikellem lil xi hadd qabel iz-zwieg dwar problema li seta' kellu nghid li ma nafx.*

*Il-papa' tieghi miet fl-1985 u cjoe' qabel li l-kontendenti kienu jafu lil xulxin.*

*Mistoqsija dwar xi ncident li kien involut fih certu Franciz bl-isem Pascal nghid li jiena dak iz-zmien kont diga' mizzewga u kienu gew ghandi l-genituri tieghi u kienu staqsewni jekk kontx naf b'xi ittra ta' dan Pascal. Ghalija dik kienet cajta din ta' l-ittra. Niftakar li ommi kienet giet ghandi u qaltli li l-konvenut kien ircieva ittra minghand ragel u staqsietni jekk jiena kontx naf xi haga dwar l-ittra u dwar il-kontenut taghha. Sa fejn naf jiena skond dak li qalli Chris hija l-konvenut, dan il-Franciz kien johrog ma' tfajla Maltija u t-tfajla u l-Franciz kienu kitbu ittra bhala cajta fis-sens skond dak li qalli Chris il-konvenut li dan il-Franciz insinwa li ried ikollu relazzjoni ma' Chris. Jiena sirt naf b'dan peress li staqsejt lil Chris wara li kienet giet id-dar ommi. Meta kienet giet id-dar tieghi ommi kienet irrabjata u qaltli li kienet sabet din l-ittra miktuba lil Chris minghand ragel, u kienet irrabjata minhabba l-insinwazzjoni li kien hemm fiha. Minghandi ommi riedet tkun taf x'kont naf jiena dwar din l-istorja. Jiena dak iz-zmien ma kont naf xejn. Dan gara bejn 1980 u 1985 - ma niftakarx id-data ezatta.*

*Meta jiena staqsejt lil hija huwa qalli dwar l-ittra: 'It was just a joke', u ma ta l-ebda dettalji.*

*Jiena dejjem kont 'close' ma' hija pero' fit-'teen years' tieghu ma kontx daqshekk 'close' peress li ma konniex niltaqghu, jiena kont mizzewga u huwa kien 'teenager'.*

*Wara li hija kien qalli li l-ittra kienet 'joke' jiena nformajt lil ommi u hi ghalqet din l-istorja u qatt ma giet imsemmija aktar.*

*Nghid li l-kelma 'gay' lil ommi lanqas tista' ssemmiha. Ommi temmen 'in a perfect family'. Hawn nispjega jekk nigi biex nghidilha li ghandi xi problema fiz-zwieg tieghi tghidli: 'It will go away'.*

*Hu l-mama' cjoe' 'uncle' Edgar huwa 'gay', tant huwa hekk li meta konna zghar konna niccajtaw u nghid lil mama':*

*"Uncle Edgar is gay." u hi kienet tirrabja hafna maghna u kienet tghidilna li dik il-kelma qatt ma ghandha tissemma' d-dar.*

*Naf li missieri u Chris kienu jkollhom 'clashes' kwazi kuljum fuq affarijiet ta' kuljum. Missieri fil-familja kien 'strict' u ommi kienet hi li taghti l-'punishments' u trid kollox perfett pero' nghid li "she was easy going as well" fis-sens li kellna relazzjoni tajba maghha. Hi ghaliha kellha dejjem ragun hi u ahna konna qeghdin dejjem nipprovaw noghgbuha. Nahseb li kienet tipprova tipprotegina, l-aktar lil Chris. Chris huwa l-uniku tifel. Ahna qeghdin tliet (3) bniet u tifel, li hu Chris. Hi kienet kuntenta hafna meta kellna lil Chris. Jiena nigi l-kbira.*

*Kull meta jiena kelli xi problema li jmorru kontra l-idea ta' 'perfect family' kienet taghti t-tort lili u tikkonvincini li dik il-problema kienet inezistenti u nahseb li dan kienet taghmlu b'intenzjoni tajba cjoe' biex tevita problemi.*

*Ommi kienet possessiva l-aktar fuqi u fuq Chris fis-sens li 'she wanted us to do things her own way'."*

Illi fis-seduta tat-30 ta' April, 2001 kompliet tixhed in ezami **Alexandra** maghrufa bhala **Sandra Mercieca**, prodotta mill-attrici:-

*"... nixtieq nispjega li veru li missieri kellu d-dixxiplina pero' nghid 'with a lot of love' u cjoe' kien ihobbna hafna.*

*Nixtieq nispjega li meta fis-seduta precedenti ghidt li ommi kienet possessiva fir-rigward tieghi u ta' hija Chris kont qieghed infisser li fil-fatt ahna stajna naghmlu dak li ridna, kif fil-fatt ghamilna, pero' li ridt nghid bil-kelma "possessiva" hi li ommi xtaqet li ahna uliedha jkollna zwieg felici kif kellhom hi u missieri.*

*Ommi ma tixtieqx turi l-affarijiet tad-dar lin-nies u dejjem hekk kienet.*

*Nghid li niftakar li ommi kienet kuntenta hafna meta saret taf li hija kien ser jizzewweg lil Christine ghax skond il-*

*mama' Chris kien ser jissettilja u ma kienx ser jibqa' wahdu.*

*Hawn nispjega li hija kien ghamel 'course' ta' 'hairdressing' l-Ingilterra u hemm kien joqghod wahdu. Meta rritorna Malta kien qieghed id-dar pero' gara li giet lura mill-Amerika ohti ta' warajja, Jenny mal-'boyfriend' taghha, u kienu qeghdin joqoghdu mal-mama' u peress li hija ma qabilx mal-'boyfriend' ta' ohti sirt naf li mar jghix ghal rasu. Dak iz-zmien missieri kien ghadu haj. Naf li meta ohti rritornat mill-Amerika, id-dar spiccaw joqoghdu kollha hemm u kien hemm hafna nies, cjoe' il-genituri, ohti u l-'boyfriend' taghha, ohti z-zghira u Chris, u Chris mar jghix ghal rasu.*

*Mistoqsija jekk il-mama' tafx li Chris huwa 'gay' nghid li jista' jkun li taf pero' mhux ser tammetti. Chris kien iddiskuta mieghi u ma' ohtna z-zghira Vanessa jekk kellux jghid lil mama' li hu 'gay' u ahna ghidnilu li ahjar le 'because that would be the end of her'.*

*Il-mama' kienet staqsietni jekk Chris huwiex 'gay'. Dan kien wara s-separazzjoni tal-kontendenti. Jiena evitajt ir-risposta u hi ma nsistietx mieghi biex ikollha risposta."*

Illi **Josette Vassallo**, prodotta mill-attrici, xehdet in ezami:-

*"Lil Chris Pace nafu ghax kwazi kbirna flimkien u kull nhar ta' Hadd konna niltaqghu l-Marsa ghall-'athletics' u konna hbieb. Kien hemm zmien meta konna hbieb intimi u konna ghadna l-iskola. Konna ghadna tfal. Domna hbieb intimi cirka sena. Jien kelli xi 14 'years' u hu 13 'years' ghax hu sena izghar minni. F'dak il-perjodu ta' hbiberija ntima Chris kien normali u ghalija ghadu normali. Huwa ddecieda li ma nkomplux nohorgu flimkien bhala hbieb intimi peress li huwa qal li konna zghar wisq. Bqajna hbieb.*

*Fl-1985 kont l-Italja u kont soru dak iz-zmien. Huwa kien kitibli sakemm kont l-Italja u huwa qalli li kellu 'partner' ragel fis-sens li kien qieghed joqghod mieghu fl-istess*

*appartament. Fhimt li kienet l-ewwel esperjenza li kien qieghed jghix ma' ragel u li kien kuntent b'din l-esperjenza. Ma rrispondejtx ghal din l-ittra u nippreciza li l-pagna dwar l-omosesswalita' jiena ma kontx rajtha meta rcevejt l-ittra, izda rajtha u konfermajtha ma' Chris meta gejt Malta fis-sajf.*

*Fis-sajf mort ghandu f'dan l-appartament Tax-Xbiex u qaghdna nitkellmu fuq hatju. Qalli dwar ir-relazzjoni li kellu ma' dan ir-ragel. Talabni pariri fuq is-segwenti: jekk kellux ikompli fit-triq ta' l-omosseswalita'; jekk jghidx lill-genituri; l-aspett socjali.*

*Naf li l-familja ta' Chris hija Nisranija u ghalhekk din il-haga kienet haga difficli ghalih biex jiddiskutiha fil-berah ma' nies ohra tal-familja jew hbieb. Dak iz-zmien ukoll kien ghadu kif miet missieru u cjoe', jekk niftakar sewwa, xi sena qabel.*

*Jien kont dispjacuta li Chris kien ha din it-triq pero' lilu ma ridtx ninfluwenzah. Sa fejn naf jien ommu u missieru ma kienux jafu u Chris ma riedx jghid lil ommu ghaliex ma ridtx jaghtiha dispjacir. Kif ghidt il-papa' tieghu kien diga' miet dak iz-zmien. Chris kien qieghed ihoss li bis-sitwazzjoni kien ser jaghti dispjacir lil tal-familja.*

*Minghalija ommu kienet taf li Chris kien qieghed jghix ma' ragel izda ma kienetx taf minghalija li kellhom dik it-tip ta' relazzjoni.*

*Qatt ma qalli li kellu xi relazzjoni precedenti ma' ragel iehor. Jekk qalli ma niftakarx.*

*Jiena ili tliet (3) snin li ma ghadnix soru u nahdem bhala 'social worker' ghal dawn l-ahhar tliet (3) snin cirka.*

*Nghid li meta Chris mar jghix wahdu ghalija din kienet bhala trend u ma rajthiex bhala xi haga ta' barra minn hawn. Pero' ma nafx jekk Chris marx jghix wahdu specifikament ghaliex ried jghix ma' dan ir-ragel pero' naf li dik l-esperjenza riedha li jghix ma' ragel iehor wahdu.*

*Jiena qatt ma ltqajt mar-ragel li mieghu Chris kellu relazzjoni. Niftakar li Chris kien iddeskrivihuli dan ir-ragel pero' ma niftakar xejn. Sa fejn naf jiena ma kienx hafna akbar minnu u ma kienx mizzewweg jekk niftakar sewwa.*

*F'dik ic-cirkostanza li tkellimna jiena stajt nikkostata li Chris kellu dubji dwar jekk dak kellu jkun l-orjentament tieghu.*

*Staqsieni wkoll parir religjuz u huwa kien jaf li fil-Knisja ma naccettawx l-aspett fiziku ta' dawn ir-relazzjonijiet. Ghalih l-aspett religjuz ma kienx qawwi daqs l-orjentament li kien ha.*

*Jiena rritornajt lura l-Italja peress li kont ghadni soru u xhur wara kien kitibli u qalli li kien ser jizzewweg lill-attrici u meta rcevejt dik l-ittra jiena hadt ir-ruh. Ghalija kienet haga tajba peress li Chris kien qieghed jghix fl-livell aktar konsonanti mar-religjon.*

*Fir-risposta tieghi jiena spjegajt id-differenza bejn zwieg Kattoliku u zwieg Civili, kif dejjem ghamilt meta shabi kienu jghiduli li kienu ser jizzewgu.*

*Ma niftakarx jekk Chris talabniex parir dwar kif ir-relazzjoni li kellu ma' ragel iehor setghet effettwat iz-zwieg imminenti tieghu.*

*Niftakar pero' li qabel zzewweg Chris kien introducini ma' Christine u tajtu parir li kellhom kwalitajiet tajbin u li jaqblu. Sa fejn naf jien kont anke kellimtha lil Christine qabel iz-zwieg.*

*Miniex certa pero' jista' jkun li Chris qabel iz-zwieg kien staqsini jekk kellux jghid lil Christine dwar ir-relazzjoni omosesswali li kellu precedentement.*

*... kien gie ikellimni ghax il-persuna tieghu hekk titlob bhala bniedem rett. Jista' jkun li jiena tajtu parir biex jghidilha pero' m'inix certa. Il-lum il-gurnata pero' nghid li dak ghandu jkun il-parir.*

*Wara z-zwieg wara t-twelid tat-tifel taghhom kont mort darba d-dar taghhom.*

*Naf li l-kontendenti huma 'de facto' separati. Iltqajt mieghu meta kienu diga' separati, dan kien ftit xhur ilu u naf li dak iz-zmien kellu relazzjoni ma' ragel. Kien kuntent. Qalli li jirrispetta hafna lil Christine u qalli wkoll li jippreferi l-istat presenti tieghu cjoe' li jghix ma' ragel milli l-istat li kien fih ma' Christine. Bhala ragun ta' separazzjoni Chris qalli li din kienet l-orjentament omosesswali tieghu.*

*Ghandu jkun li issa recentement il-konvenut kien qalli li fiz-zwieg kellu relazzjoni ma' ragel iehor. Recentement il-konvenut qalli li ghal zmien twil kien ikkumbatta l-orjentament omosesswali. Qalli li l-hajja mizzewga kien zball minhabba l-orjentament omosesswali tieghu."*

Illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2001 **Frank Ciarlo'**, prodott mill-attrici, xehed in ezami:-

*"Jiena ili naf lil Christopher u lill-familja tieghu hafna snin. Fil-fatt kont nohrog ma' ohtu ta' qablu Jennifer meta Christopher kien ghadu zghir ossia guvnott. Dak iz-zmien ma kontx nafu hafna peress li kien biss hu Jennifer ghalija. Wara hafna snin iltqajt ma' Christopher u kellna konverzazzjoni fejn staqsejna lil xulxin ... il-mistoqsijiet tas-soltu: "Kif inti? X'qed taghmel?"*

*Jiena lil Christopher nista' nghid li sal-llum ma nafux daqshekk biex nghid li kellna konverzazzjoni aktar minn dak li ghidt hawn fuq. Ilna hbieb hafna pero' mhux 'close' u qatt ma konna 'close' u qatt ma hrigna flimkien. Gieli meta kont nohrog ma' ohtu Jennifer, konna niltaqghu ma' Christopher pero' bhala grupp u konna nkunu xi hmistax (15)-il ruh.*

*Lil Christine nafha wkoll pero' anqas minn Christopher.*

*Jiena bdejt nohrog ma' Jennifer meta' kellna sbatax (17) jew tmintax (18)-il sena.*

*Jiena sirt naf b'koincidenza li l-kontendenti kienu johorgu flimkien .*

*Ma nafx kemm damu l-kontendenti johorgu flimkien qabel iz-zwieg. Ma' Christine ltqajt xi darbtejn f'hajti kollha qabel il-lum u ma nafx jekk dan kien qabel jew wara z-zwieg.*

*Sirt naf li l-kontendenti huma mizzewgin minghand xi hbieb tieghi. Christopher mhuwiex parti minn dawn il-hbieb izda Jennifer ghandha hbieb komuni mieghi f'dan il-grupp ta' hbieb. Christopher sa fejn niftakar jiena qatt ma qalli li zzewweg lil Christine. Ghoxrin (20) sena ilu gieli Christopher kien ikun ma' dan il-grupp ta' hbieb li semmejt issa. Imma ma niftakarx jekk kienx xi wiehed minn dawn il-hbieb li qalli li Christopher izzewweg. Sirt naf li zzewweg 'through small talk'.*

*Lil Christopher ghadni nafu sal-lum.*

Domanda: *Christopher qattx staqsiek ghal xi parir qabel iz-zwieg?*

Risposta: *Nimmagina li qabel iz-zwieg, iva staqsa ghal xi parir jew ahjar opinjoni u dan kien qabel iz-zwieg. Dawn kienu opinjonijiet differenti u cjoe' ser jaghmel fuq ix-xoghol, u jiena kont nghidlu biex ma jdahhalnix f'dawn l-affarijiet. Kien istaqsini wkoll fuq affarijiet personali li ma nistax niftakar peress li ma nistax niftakar il-mistqosijiet.*

Domanda: *Christopher kien staqsik parir dwar jekk kellux jizzewweg lil Christine jew le?*

Risposta: *Iva staqsieni*. *... jiena ndunajt li huwa kellu d-dubju dwar dak li kien ser jaghmel. ... Ma nafx jiena minn fejn kien gej id-dubju ta' Christopher. Jiena nixtieq nghid li ma kontx 'close' ma' Christopher u l-fatt li kien qieghed istaqsini dwar dawn l-affarijiet diga' rajt li kien hemm dubju dwar dak li Christopher kien ser jaghmel. Nixtieq nghid ukoll li jiena persuna riservata u normalment in-nies ma jigux istaqsuni fuq dawn l-affarijiet.*

Domanda: *Inti lil certu Raymond Micallef tafu?*

Risposta: *Le.*

Domanda: *Christopher qatt semmielek Ray Micallef?*

Risposta: *Gieli semmih mieghi*.

Domanda: *Tiftakar fuq x'hiex semmielek Ray Micallef?*

Risposta: Iva fuq li huwa kellu relazzjoni mieghu .... Meta Christopher qalli fuq Ray Micallef kienet spiccat ir-relazzjoni - kien Christopher li qalli li r-relazzjoni taghhom spiccat. ... . *Niftakar li Christopher qalli li kellu relazzjoni ma' dan Ray u li kienet relazzjoni ntima, u jiena ma kelli l-ebda dubbju li kienet relazzjoni fejn Ray kien 'boyfriend' ta' Christopher u vice-versa.*

*Id-dubji li kelli dwar Christopher ma kienux motivati mill-konverzazzjoni li kelli ma' Christopher dwar Ray izda ghalija kien evidenti li Christopher ma kienx tajjeb ghaz-zwieg u dan ilu evidenti u kont ili narah fih. Ir-ragunijiet ghaliex kont nara li Christopher ma kienx tajjeb ghaz-zwieg huma peress li ghalija jidher evidenti kien 'camp' ossia 'sissy' u dan minn kif jimxi, jitkellem u b'mod generali kif tarah. Probabbli ghidtlu car li ma kienx tajjeb ghaz-zwieg u ghidtlu biex jahsibha jew jirrivedi in vista tal-karattru tieghu.* ... *biex ... Christopher li mieghi ma kienx 'close' jigi jistaqsini dwar it-tip ta' dubbju, fiha innifisha tindika li hemm dubju serju u kien ghalhekk li jiena 'bluntly' ghidtlu: "Missek tirrivedi s-sitwazzjoni." 'To sum it up' jiena niftakarni fic-cert nghid lil Christopher biex jirrivedi s-sitwazzjoni tieghu u jahsibha sew u cjoe' jekk ghandux jizzewweg jew le.*

*Jennifer jew hutha qatt ma qaluli xejn dwar Christopher. Pero' meta Christopher staqsini dwar il-parir ghalija kien evidenti li kellu dik it-tendenza. Mistoqsi jekk dawn l-affarijiet kienux 'taboo' ghall-familja ta' Christopher nghid li knowing Mrs. Pace, omm Chris, nghid li 'undoubtedly' kienu 'taboo'."*

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2001 sar is-segwenti verbal:-

*"Il-konvenut jaghti l-kunsens tieghu sabiex ix-xhud il-psikologa Jennifer maghrufa bhala Jenny Zammit tixhed dwar il-konsulenza li tatu u dwar dak kollu li saret taf minghandu. L-attrici taghti l-istess kunsens da parti taghha fir-rigward tal-konsulenza li giet moghtija lilha minn din ix-xhud u dwar dak li l-istess psikologa saret taf dwarha. Inoltre il-kontendenti flimkien jaghtu lil din ix-xhud il-kunsens taghhom li tixhed dwar dak kollu li saret taf dwar ir-relazzjoni taghhom u dwarhom individwalment.*

*Il-konvenut qieghed jassenta ruhu peress li ghandu impenji ta' xoghol u jaqbel li 'l fuq imsemmija xhud tixhed anke fl-assenza tieghu."*

Illi **Jennifer** maghrufa bhala **Jenny Zammit**, prodotta mill-attrici, xehdet in ezami:-

*"Jiena sirt naf lill-kontendenti peress li kkonsultawni fil-kwalita' tieghi ta' psikologa.*

*Jiena impjegata mal-Gvern bhala counsellor fl-iskejjel u fil-prattika privata nahdem bhala consellor ghall-koppji. Nispecjalizza fi problemi matrimonjali.*

*Kien approcjani Mr. Pace l-ewwel f'Mejju 1997 u ftit wara stedint lil Mrs. Pace. Tkellimt maghhom individwalment u kif ukoll bhala koppja.*

*'Approximately' konna niltaqghu kull hmistax jew mal-koppja jew individwalment skond il-bzonn. Il-laqghat baqghu sejrin sa Dicembru 1997 u forsi anke sa Jannar 1998.*

*Jiena hadt konjizzjoni tal-kunsens tal-kontendenti vverbalizzat il-lum u nixtieq nippreciza li l-laqghat kienu jsiru fl-ufficcju tieghi u mhux id-dar tal-kontendenti. Dak kollu li naf qaluhuli l-partijiet*

*Mr. Christopher Pace spjega li kellu diffikultajiet personali. Spjegali li bil-problemi li kellu ma setax ikompli z-zwieg ma' l-attrici. Kien indika li kien qieghed jiehu decizjonijiet fuq is-sesswalita' tieghu u cjoe’ l-orjentament u kien hass li dawn il-hsibijiet kienu mieghu meta kien izghar u anke qabel iz-zwieg. Pero' kien ha decizjoni li jipprova jghix iz-zwieg u zwieg tajjeb hafna bhala husband u bhala missier.*

*L-aktar huwa Mr. Pace li kellimni dwar il-problemi li kellu peress li wara xi tnax (12)-il sena zwieg ma setax ikompli jghix f'din id-dikotomija interna.*

*Jiena stedint lil Mrs. Pace sabiex tigi tkellimni wkoll peress li fiz-zwieg irridu nisimghu z-zewg partijiet. Mr. Pace ried li l-attrici tkun involuta fil-laqghat ghax jaf li d-decizjoni tieghu kienet ser tinvolvi l-attrici u z-zwieg taghhom.*

*Mr. Pace ried li jpoggi l-karti kollha fuq il-mejda. Huwa ried dan b'certa rieda."*

Illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2001 kompliet tixhed in ezami **Jennifer** maghrufa bhala **Jenny Zammit** prodotta mill-attrici:-

*"Quddiemi l-kontendenti waqt il-laqghat li zammejt kienu dahlu f'diskussjoni dwar x'kienu ser jaghmlu biz-zwieg u cjoe’ jekk iwaqqfux jew ikomplu. Sakemm komplejt nahdem maghhom jiena, Mrs. Pace wriet ix-xewqa li tkompli z-zwieg b'relazzjoni shiha mar-ragel taghha u huwa ma setax joffrilha dan ghax kellu t-tibdiliet tieghu fil-fehma tas-sesswalita' tieghu. Kien wasal f'punt fejn ma setax ikompli biz-zwieg.*

*Bl-ammissjoni ta' Mr. Pace huwa stess qalli li qabel iz-zwieg kellu relazzjoni ma' ragel. Waqt ix-xoghol mieghi Mr. Pace l-aktar li kellimni fuq il-process tieghu personali u cjoe’ kif huwa kien qieghed ihares lejh innifsu u d-dilemmi li sab ruhu fihom minhabba z-zwieg u minhabba li kellu tifel.*

*Mr. Pace kien jitkellem b'responsabbilta' u mhux b'kapricc u ghalhekk komplejt nitkellem kemm ma' Mrs. Pace u*

*kemm mieghu fuq kif is-separazzjoni tista' ssir biex kulhadd u cjoe' kull parti nkluz it-tifel ibaghtu psikologikament mill-anqas. Dan ma jfissirx li ma kienx hemm 'feeling' da parti ta' Mrs. Pace ta' rabja u dizappunt minhabba l-bidla tal-fehma ta' Mr. Pace dwar iz-zwieg.*

*Minn meta Mr. Pace kellu relazzjoni ma' ragel qabel iz-zwieg sakemm gie jkellimni wara z-zwieg nghid li rrizultali li huwa kien dubjuz dwar il-kwistjoni tas-sesswalita' tieghu.*

*Il-kontendenti urew rispett kbir lejn it-tifel taghhom peress li minkejja li ddecidew li jisseparaw jew iwaqqfu z-zwieg taghhom, decidew li jahdmu biex jibqghu genituri tajbin."*

Illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2002 **Ray Micallef**, prodott mill-attrici, xehed in ezami:-

*"Jiena naf lill-partijiet. Xi ghoxrin (20) sena ilu kelli relazzjoni ma' Chris il-konvenut u hekk nafu. Hawnhekk qieghed nirriferi ghal relazzjoni sesswali. Jiena dak iz-zmien kelli 24 'years'. Din ir-relazzjoni damet xi sentejn cirka. It-tnejn iddecidejna li ma nkomplux b'din ir-relazzjoni pero' aktar min-naha tieghi peress li ma kontx komdu f'din is-sitwazzjoni.*

*Sa fejn naf jiena waqt li kellu din ir-relazzjoni l-konvenut ma kellux 'girlfriend'.*

*Wara z-zwieg tal-kontendenti gejt mistieden ghandhom pero' ma niftakarx jekk dan sarx tramite 'common friend'. Kien hemm 'common friend' fil-fatt u meta mort ghand il-kontendenti diga' kellhom it-tifel taghhom u kellu xi sena u nofs. Meta mort ghandhom mort ma' koppja hbieb. Il-'common friend' hija habiba tat-tnejn cjoe' tieghi u tal-konvenut u jisimha Mairead Caruana Montaldo.*

*Jiena kont sirt naf li l-kontendenti kienu zzewgu 'through hearsay'.*

*Sa fejn niftakar jiena din kienet l-ewwel darba (cjoe' meta mort ghandhom) li ergajt iltqajt mal-konvenut wara li*

*konna tlaqna lil xulxin u kienet l-ewwel darba li ltqajt ma' l-attrici.*

*Gieli wara li mort ghandhom iltqajt b'kumbinazzjoni mal-kontendenti.*

*Jiena u l-konvenut ma kellna l-ebda relazzjoni ohra hlief dik li semmejt fil-bidu ta' din id-depozizzjoni. Il-lum il-gurnata ahna hbieb.*

*Meta mort ghandhom kif spjegajt hawn fuq, il-kontendenti kienu jidhru kuntenti hafna.*

*Sirt naf minghand il-konvenut xi erba' (4) jew hames (5) snin ilu li kien hemm il-problemi bejniethom. Il-konvenut qalli ukoll li lill-attrici ma kienx qalilha qabel iz-zwieg li kellu relazzjoni mieghi.*

*L-attrici qatt ma kkuntattjatni dwar il-problemi li kien hemm bejniethom.*

*Il-konvenut spjegali li huwa kien izzewweg lill-attrici peress li haseb li ma kienx 'gay' u kien konvint li jhobbha.*

*Ghoxrin (20) sena ilu meta kellna r-relazzjoni sesswali nghid li jiena cert li l-konvenut ma riedx ikollu relazzjoni sesswali mat-tfajliet. Naf li l-konvenut kellu 'girlfriend' qabel ir-relazzjoni sesswali mieghi.*

*Meta kont sirt naf li l-kontendenti kienu zzewgu kont sorpriz hafna. Jiena lanqas kont naf li huma kienu johorgu flimkien.*

*Lill-attrici qatt ma kellimtha dwar ir-relazzjoni sesswali li jiena u l-konvenut kellna. L-attrici min-naha taghha qatt ma staqsietni.*

*Jiena sirt naf minghand il-konvenut li meta huwa telaq lill-attrici kellu relazzjoni ma' ragel iehor.*

*Jiena personalment naf li l-konvenut xi zmien wara li kien telaq lill-attrici kellu relazzjoni ma' ragel iehor u hawnhekk*

*nispjega li fil-fatt qieghed nirreferi ghall-istess persuna li kien semmieli l-konvenut.*

*Meta l-kontendenti ma baqghux flimkien il-konvenut qalli li r-raguni ghaliex telaq lill-attrici kienet peress li huwa kien gay u ma kienx komdu f'dik is-sitwazzjoni.*

*Il-konvenut kien iddispjacut li ma kienx qal lill-attrici li huwa 'gay'.*

*Jiena l-aktar li skantajt huwa li l-konvenut qatt ma qalilha lill-attrici. Ir-relazzjoni li kellna jiena u l-konvenut ma kenitx aperta fis-sens li ftit hbieb vicin taghna kienu jafu pero' mhux ghaliex ghednielhom apertament izda peress li setghu jiddeducu din il-haga. Mairead 'definitively' ma kenitx taf bir-relazzjoni tieghi u tal-konvenut.*

*Ghalija dak iz-zmien meta kellna r-relazzjoni sesswali jiena u l-konvenut kien zmien ta' konfuzjoni li lanqas informajt lil xi membru tal-familja tieghi. Il-familja tal-konvenut ma kienux jafu dak iz-zmien bir-relazzjoni sesswali taghna. Il-lum il-gurnata ohtu l-kbira u ohtu z-zghira jafu dwar ir-relazzjoni. Nimmagina li ommu taf pero' naf li ma jitkellmux dwar dawn l-affarijiet sa fejn naf jiena.*

*Sa fejn naf jiena l-konvenut bhalissa m'ghandux relazzjoni ma' ragel iehor pero' kellu sa xi sitt (6) xhur jew sena ilu cirka. Naf li dan jismu Peter pero' ma ghandix idea x'inhu kunjomu."*

Illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2002 **Marceline Naudi**, prodotta mill-attrici, xehdet in ezami:-

*"Jiena naf lill-partijiet. Lil Christopher sirt nafu peress li jiena habiba ta' ohtu Jennifer. Lil Christine sirt nafha meta bdiet tkellem lil Christopher. Lil Christpher ili nafu hafna qabel ma zzewgu u lil Christine sirt nafha ftit qabel iz-zwieg taghhom.*

*Jiena u Christopher qabel iz-zwieg taghhom tista' tghid konna fl-istess klikka ta' hbieb. Jiena naf diversi hbieb tieghu. Jiena niftakar li qabel ma beda johrog ma'*

*Christine, Christopher kellu 'girlfriend' pero' ma niftakarx meta. Nahseb li kellu 'boyfriend'. Naf li kellu hbieb sewwa rgiel pero' nippreciza li jiena qatt ma rajt li Christopher kien intimu ma xi rgiel pero' assumejt li kellhom relazzjoni bejniethom. Ma nafx jekk Christopher qatt qalli li kellu xi relazzjoni ma' xi rgiel. Nahseb li Raymond Micallef kien jghix ma' Christopher meta Christopher kien qieghed jghix go 'flat' il-Gzira. Jekk miniex sejra bi zball ghamlu xi zmien flimkien.*

*Jiena qabel li l-kontendenti kienu ltaqghu kont diga' fformajt l-opinjoni li Christopher kien omosesswali pero' jiena naf ukoll illi nies jistghu jkunu omosesswali, eterosesswali u bisesswali, allura meta rajtu ma' Christine jiena ma hadthiex bi kbira peress li hsibt li Christopher seta' kien bisesswali. Jiena kont wasalt ghall-konkluzjoni li Christopher huwa omosesswali peress li kont assumejt li Christopher kellu relazzjoni ma' Ray Micallef, inoltre kelli hbieb ohra omosesswali.*

*Jiena 'social worker' u 'lecturer' fis-Social Work l-Universita' u parti mill-ispecjalizzazzjoni tieghi hija l-opportunita' ugwali minghajr l-ebda distinzjoni ta' xejn. Peress li nahdem f'din il-professjoni jiena sensittiva hafna ghall-orjentament sesswali tan-nies allura assumejt li Christopher huwa omosesswali.*

*Jiena ma kontx mistiedna ghat-tieg pero' kont mort sal-knisja biex narahom u niftakar li l-kontendenti kienu jidhru kuntenti. Ma nafx kemm damu gharajjes pero' ghandi mpressjoni li z-zmien kien qasir.*

*Jiena ma niftakarx jekk Christopher kienx kellimni dwar xi problemi qabel huma zzewgu peress li ghadda hafna zmien pero' niftakar li kien gie jkellimni xi zmien qabel ma bdew il-proceduri ghas-separazzjoni. Il-problema kif fhimtha jiena kienet li Christopher kien ipprova hafna jinsa l-parti tieghu omosesswali pero' nduna li ma setax u kien qieghed ihossu distrutt hafna bl-idea li jikkawza xi sofferenza lil Christine minhabba dan il-fatt. Dak iz-zmien kien qieghed jipprova jara ser jaghmel. Huwa kellimni aktar minn darba ezatti qabel is-separazzjoni.*

*‘Somewhere along the line’ Christine saret taf minghandu li huwa omosesswali u fil-fatt kienet giet tkellimni. Ma niftakarx x'kienet qaltli pero' niftakar li kienet mugugha.*

*Jiena ma nahsibx li l-genituri ta' Christopher kienu jafu li huwa ‘gay’. Rigward hutu nahseb li uhud minnhom kienu jafu.*

*Jiena kont naf li l-kontendenti fiz-zwieg taghhom kellhom tifel. Meta Christopher gie ikellimni qabel is-separazzjoni esprima l-ugiegh li kien qieghed ihoss huwa u pprova jara x'ikun l-ahjar. Jiena rriferejtu lil Jenny Zammit Pace li hija ‘counselling psychologist’. Ma niftakarx jekk hax decizjoni quddiemi pero' ‘somewhere along the line’ ha decizjoni. Naf li Christine ma kenitx taf bil-krizi li kien qieghed ihoss Christopher sakemm ma qalilha huwa. Naf li qalilha f'dan il-perjodu peress li Christine mbaghad giet tkellimni.*

*“... nghid li mill-esperjenza professjonali tieghi .... . Minhabba li s-socjeta' taghna ma taccettax l-omosesswalita' jista' jigri illi persuna omosesswali tipprova ‘to suppress’ ... l-orjentament omosesswali taghha ghall-perjodu, u ghalhekk huma jikkonvincu lilhom infushom in good faith li huma mhux ‘gay’ sabiex ikunu jistghu jigu accettati mis-socjeta’”.*

*Professjonalment jiena nassumi illi l-kaz ta' Christopher huwa appuntu kaz ta' din is-‘suppression’."*

Illi permezz ta' nota taghha tas-16 ta' April 2002 l-attrici pprezentat fotokopja tas-sentenza moghtija fis-17 ta' Novembru 2000 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza citazzjoni numru 703/94 (VDG) fl-ismijiet: **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"**, immarkata Dok. “CP1”.

## (B) KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET.

Illi l-attrici qeghda tibbaza l-allegata nullita' taz-zwieg in ezami fuq l-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255)** li rispettivament jistabbilixxu li zwieg ikun null:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;"*

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi z-zwieg, il-proprjetajiet essenzjali taz-zwieg u l-kunsens matrimonjali mhumiex definiti fl-Att dwar iz-zwieg u ghalhekk huwa opportun li ssir riferenza ghall-**kanoni 1055 # 1; 1056; u 1057 # 2 tal-Kodici Kanoniku** li rispettivament jipprovdu:-

*"The marriage covenant by which a man and a woman establish between themselves a partnership of their whole life, and which of its own very nature is ordered to the well-being of the spouses and to the procreation and upbringing of children, has between the baptised, been raised by Christ the Lord to the dignity of a sacrament."*

*"The essential properties of marriage are unity and indissolubility; in christian marriage they acquire a distinctive firmness by reason of the sacraments."*

*"Matrimonial consent is an act of the will by which a man and a woman by an irrevocable covenant mutually give and accept one another for the purpose of establising a marriage."*

Illi fil-kunsens matrimonjali kif definit fil-fuq ikkwotat **kanone 1057 # 2** temergi l-komunjoni ta' hajja shiha jew *"totius vitaw consortium"* ikkontemplata fil-fuq ikkwotat

**kanone 1055 # 1**. Fil-**kanone 1057 # 2** huwa deskritt l-oggett tal-kunsens matrimonjali. *" This is none other than the man and the woman, that is in their conjugality, that is, in their respective natural sexual capacity as related to the ends of marriage. In other words, by means of the marriage covenant, the woman gives herself as a wife to the man, and the man gives himself as a husband to the woman, and they mutually accept each other as such." (Notamenti dwar* ***kanone 1057 # 2*** *f'pagni 660 u 661 tal-* **CODE OF CANON LAW ANNOTATED** *- edited by* ***E. Caparros, M. Theriault, J. Thorn****; published by* ***Wilson & Lafleur Limitee*** *- Montreal 1993.)*

Illi sabiex ikun hemm l-imsemmi *"totius vitae consortium"* hija essenzjali l-prezenza fiz-zwieg tat-tliet *"bona matrimonii"* li kif jispjega l-awtur ***Jose F. Castagno*** huma:-

*"... a) bonum prolis, che sta a significare la generatio atque educatio prolis del can. 1055 ... .; b) bonum fidei o fedelta', che nei cann. 1056, 1101 # 2, 1134, viene chiamata unitas; c) bonum sacramenti che e' lo stesso dell'indissolubilitas o vincolo perpetuo dei* ***cann. 1056, 1057 # 2, 1101 # 2,*** *1134." (Pagni 61 u 62 tal-ktieb intitolat* **"Il Sacramento del Matrimonio"** - ***Jose. F. Castano O.P.*** *- Seconda edizione  Roma 1992.)*

Illi dwar il-kunsens matrimonjali l-awtur ***Jose F. Castano*** jispjega:-

*".... il matrimonio, nel suo aspetto giuridico e concretamente, come actus quo ("in fieri"), e' un contratto consensuale, cio' che e' stato recepito nel can. 1057 con la clausola matrimonium facit partium consensus. Da cio' segue: a) il consenso delle parti e' l'elemento piu' importante del matrimonio; b) il consenso puo' essere viziato e quindi il matrimonio puo' essere invalidato a causa di uno dei vizi del consenso* **(cann. 1095-1103)."** (Pagna 109 tal-fuq imsemmi ktieb intitolat: **"Il Sacramento del Matrimonio"**.)

Illi l-provi prodotti juru li minhabba l-omosesswalita' tal-konvenut u l-eskluzjoni pozittiva da parti tieghu ta' whud mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, dan iz-zwieg huwa null a bazi ta' l-**artikolu 19 subartikolu (1) subincizi (d) u (f)** izda mhux a bazi ta' l-**artikolu 19 subartikolu (1) subinciz (c)** li ma japplikax ghall-kunsens matrimonjali in ezami peress li:-

Ma jirrizultax li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jinganna lill-attrici. Fil-fatt il-konvenut xehed in subizzjoni li meta beda johrog ma' l-attrici ddecida li ma jghidilha xejn dwar ir-relazzjoni omosesswali li kellu ma' Ray Micallef peress li haseb li din ir-relazzjoni *"kienet biss fazi li spiccat ... ",* il-konvenut kien sar ihobb lill-attrici, u *inoltre* huwa spjega:

*"Qabel iz-zwieg jiena u l-attrici konna close hafna. Konna naghmlu kwazi kollox flimkien. F'dan iz-zmien ma kellix gibdiet ohra lejn irgiel ohra u lanqas kelli relazzjoni ma' rgiel. Dak iz-zmien jiena kont nara lill-attrici bhala l-futura marti."*

*"... jiena u l-attrici konna sejrin tajjeb u jiena kont inhobbha u hawn nispjega li ridt nkun maghha l-hin kollu u nghaddi hajti maghha u naghmlu kollox flimkien."*

*"... . Jiena meta sirt naf lil Christine ghamejt ghax Christine bniedma specjali bazikament."*

*"Qabel iz-zwieg ma' kull min kellimt u cjoe' Josette Vassallo, Nathalie Schembri anke l-'way of life' tieghi kienu jindikaw li ma kontx omosesswali. L-uniku bniedem li qalli biex nahsibha sewwa qabel nizzewweg kien Frank Ciarlo' li fil-fatt kien qalli dawn il-preciz kliem: "Nistennik tmur l-Amerka u ssib xi bjond." Jiena rrispondejt le peress li ridt nizzewweg lil Christine u peress li kont konvint li l-omosesswalita' kienet biss fazi u mhux kundizzjoni."*

Illi tali testimonjanza tal-konvenut turi li da parti tieghu ma kien hemm l-ebda ntenzjoni li jinganna lill-attrici biex jikseb il-kunsens matrimonjali taghha. F'dan ir-rigward, huwa rilevanti s-segwenti kummentarju dwar il-**kanone**

**1098** tal-Kodici Kanoniku (li jistabbilixxi n-nullita' ta' zwieg fejn il-kunsens matrimonjali jkun inkiseb b'qerq):

*"... The deceit must be conscious and intentional: one who acts without being aware even of the deceitful effect which his or her action has on the contracting party, may give rise to error, but since he or she is unaware of it, he or she is not intentionally deceiving. ... ." . (Pagna 690 tal-fuq imsemmi* **CODE OF CANON LAW ANNOTATED***).*

Illi *inoltre* l-attrici xehdet minn jeddha li l-konvenut kien qalilha li huwa ‘gay’ f'Awissu 1995 u xi gimaghtejn wara malli saret taf minghand il-konvenut dwar ir-relazzjoni omosesswali li huwa kellu qabel iz-zwieg kienet staqsitu ghaliex ma kienx qalilha qabel u huwa rrispondiha li beza' li jitlef lill-attrici *"u haseb ukoll li dik forsi kienet fazi li tghaddi... ."* - dan ifisser li l-konvenut ipprezenta l-istess fatt cjoe’ li huwa meta zzewweg kien jahseb li l-omosesswalita' tieghu kienet biss fazi.

Illi **Ray Micallef** xehed in ezami:- *"Il-konvenut spjegali li huwa kien izzewweg lill-attrici peress li haseb li ma kienx ‘gay’ u kien konvint li jhobbha."*

Illi rigward il-prezenza u l-effetti ta' omosesswalita' tal-konvenut huma rilevanti s-segwenti rizultanzi u estratti mill-provi prodotti:-

Illi l-konvenut in subizzjoni spjega li qabel iz-zwieg u anke qabel ma sar jaf lill-attrici, meta kellu bejn ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) sena kellu relazzjoni sesswali ma' Ray Micallef li ghandu xi hames (5) snin aktar minnu. Din kienet l-ewwel relazzjoni tieghu omosesswali u kien minn hemm li l-konvenut sar konsapevoli dwar l-omosesswalita' tieghu pero' li ma riedx jaccettaha. Ir-relazzjoni ma' Ray Micallef kienet *"on and off",* il-konvenut iddecieda li jbiddel hajtu u dan ghaliex, skond kif xehed l-istess konvenut in subizzjoni: *"dan Ray kien wegghani. Wara tali relazzjoni hassejtni qisni ‘numb’, speci ta' ma nafx fejn jiena."*, huwa ddecieda li jibqa' ‘bachelor’ pero' ftit wara li spiccat din ir-relazzjoni, l-konvenut sar jaf lill-attrici, bdew jiffrekwentaw

lil xulxin, ir-relazzjoni taghhom zviluppat sakemm iddecidew li jizzewgu.

Illi Ray Micallef ikkonferma li kellu relazzjoni sesswali mal-konvenut u spjega fid-depozizzjoni tieghu in ezami: *"Ghoxrin (20) sena ilu meta kellna ir-relazzjoni sesswali nghid li jiena cert li l-konvenut ma riedx ikollu relazzjoni mat-tfajliet. .... ."*; *"Meta kont sirt naf li l-kontendenti kienu zzewgu kont sorpriz hafna. ... ."; "Jiena l-aktar li skantajt huwa li l-konvenut qatt ma qalilha lill-attrici. ... ."*.

Illi oht il-konvenut Alexandra maghrufa bhala Sandra Mercieca xehdet in ezami:- *"Jiena ma kont naf xejn .... li kien 'gay' pero' kelli d-dubji tieghi u dan qabel iz-zwieg tieghu. ... ."; "Wara z-zwieg sirt naf minghand hija l-konvenut stess li huwa kellu relazzjonijiet ma' ragel iehor qabel iz-zwieg."*

Illi **Josette Vassallo** xehdet in ezami:- *"Fl-1985 ... . Huwa kien kitibli .. . Fhimt li kienet l-ewwel esperjenza li kien qieghed jghix ma' ragel u li kien kuntent b'din l-esperjenza ... ."; "Fis-sajf mort ghandu ... . Talabni pariri fuq is-segwenti: jekk kellux ikompli fit-triq ta' l-omosesswalita'; jekk jghidx lill-genituri; l-aspett socjali."; "... stajt nikkostata li Chris kellu dubji dwar jekk dak kellu jkun l-orjentament tieghu."; "... . Recentement il-konvenut qalli li ghal zmien twil kien ikkumbatta l-orjentament omosesswali. Qalli li l-hajja mizzewga kien zball minhabba l-orjentament omosesswali tieghu."*

Illi **Frank Ciarlo'** xehed li l-konvenut kien staqsih jekk kellu jizzewweg lill-attrici u hemm dan ix-xhud induna li l-konvenut *"kellu d-dubju dwar dak li kien ser jaghmel."; "... Christopher qalli li kellu relazzjoni ma' dan Ray u li kienet relazzjoni ntima, u jiena ma kelli l-ebda dubju li kienet relazzjoni fejn Ray kien 'boyfriend' ta' Christopher u vice-versa."; "... kien evidenti li Christopher ma kienx tajjeb ghaz-zwieg ... . ... peress li ghalija jidher evidenti kien 'camp' ossia 'sissy' ... ."; "... biex ... Christopher li mieghi ma kienx 'close' jigi jistaqsini dwar it-tip ta' dubju, fiha nifisha tindika li hemm dubbju serju u kien ghalhekk li jiena 'bluntly' ghidtlu: Missek tirrivedi s-sitwazzjoni." ...*

*niftakarni fic-cert nghid lil Christopher biex jirrivedi s-sitwazzjoni tieghu u jahsibha sew u cjoe' jekk ghandux jizzewweg jew le."*

Illi **Jennifer** maghrufa bhala **Jenny Zammit** spjegat fid-depozizzjoni taghha in ezami:- *"Mr. Christopher Micallef ... . Spjegali li bil-problemi li kellu ma setax ikompli z-zwieg ma' l-attrici. Kien indika li kien qieghed jiehu decizjonijiet fuq is-sesswalita' tieghu u cjoe' l-orjentament u kien hass li dawn il-hsibijiet kienu mieghu meta kien izghar u anke qabel iz-zwieg. Pero' kien ha decizjoni li jipprova jghix iz-zwieg u zwieg tajjeb hafna bhala 'husband' u bhala missier."; "... kellimni dwar il-problemi li kellu peress li wara xi tnax (12)-il sena zwieg ma setax ikompli jghix f'din id-dikotomija nterna." "Minn meta Mr. Pace kellu relazzjoni ma' ragel qabel iz-zwieg sakemm gie jkellimni wara z-zwieg nghid li rrizultali li huwa kien dubjuz dwar il-kwistjoni tas-sesswalita' tieghu."*

Illi **Marceline Naudi** xehdet in ezami:- *"... . Il-problema kif fhimtha jiena kienet li Christopher kien ipprova hafna jinsa l-parti tieghu omosesswali pero' induna li ma setax u kien qieghed ihossu distrutt hafna bl-idea li jikkawza xi sofferenza lil Christine minhabba dan il-fatt." "... nghid li mill-esperjenza professjonali tieghi ... minhabba li s-socjeta' taghna ma taccettax l-omosesswalita' jista' jigri illi persuna omosesswali tipprova 'to suppress' ... l-orjentament omosesswali taghha ghall-perjodu, u ghalhekk huma jikkonvincu lilhom infushom 'in good faith' li huma mhux 'gay' sabiex ikunu jistghu jigu accettati mis-socjeta'."; "Professjonalment jiena nassumi illi l-kaz ta' Christopher huwa appunt kaz ta' din is-'suppression'."*

Illi l-estratti hawn fuq ikkwotati mill-provi prodotti juru li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat skond l-**artikolu 19 subartikolu (1) subinciz (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg** kemm *"b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha"* u kif ukoll *"b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;"*.

Illi dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha ***Jose F. Castano*** jikteb:-

*"La mancanza di sufficiente maturita' o il grave difetto di discrezione di gudizio, senza che debba essere necessariamente una malattia nel suo significato tecnico, suole avere come causa una psicosi o personalita' psicopatica, una nevrosi, oppore un disordine nel meccanisno psichico che gli autori chiamano disordine di personalita'. Queste figure sono catalogate dagli specialisti come anomalie psichiche. ...". (Pagna 317 tal-fuq imsemmi ktieb:* ***"Il Sacramento del Matrimonio".***

Illi fil-**Code of Canon Law Annotated** hemm is-segwenti spjegazzjoni:-

*"... the expression discretion of judgement does not refer so much to cognitive resources or sufficient intellectual perception ... as to that degree of personal maturity which enables the contracting parties to discern in order to bind themselves to the essential rights and duties of marriage. ... The expression grace lack refers to the discretion of judgement, which is a juridical concept. The cause of consensual incapacity and nullity of the act is not, therefore, the gravity of the psichic anomaly which is a medical concept and a case of fact, but the gravity of the lack of discretion of judgement. .... . ... there is a grave lack when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner ... the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. ... ." (Pagna 686 tal-fuq imsemmi* ***CODE OF CANON LAW ANNOTATED****.)*

Illi *oltre* l-provi msemmija u kkwotati supra fil-paragrafu 3.7. subparagrafi a] sa g], id-difett gravi ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens matrimonjali tal-konvenut jirrizulta b'mod car anke peress li huwa jixhed in subizzjoni:- *"Dwar 'family planning', nghid li qabel iz-zwieg konna ddecidejna li jkollna tfal wara hames (5) snin miz-zwieg jew qatt u cjoe' 'after five (5) years or never' ghaliex ghalina r-relazzjoni li kellna bejnietna kienet bizzejjed."* Hawnhekk il-konvenut jirriferi kemm ghalih u kif ukoll ghall-attrici pero' mmedjatament wara juri li effettivament huwa qieghed jitkellem ghalih innifsu ghaliex jiddikjara:- *"Nippreciza li dak iz-zmien jiena qatt ma ridt tfal jew ma kellix bzonn tfal. ... ."* Huwa jkompli jispjega li meta l-attrici kienet harget tqila mmedjatament wara z-zwieg:- *"... . Ghalija spicca kollox fis-sens li kienet spiccat l-'bond' li kienet tezisti bejni u bejnha ghax ghalija kienet importanti dik il-'bond' ta' bejnietna."* In segwitu l-konvenut jerga' jsostni:- *"Nispjega li l-marriage 'bond' ghalija kienet tikkonsisti biss fir-relazzjoni tieghi ma' Christine u meta sirt naf li Christine kienet 'pregnant' din il-'bond' inkisret."* Din ix-xhieda tal-konvenut turi wkoll li z-zwieg in ezami huwa null anke a bazi ta' l-**artikolu 19 subartikolu (1) subinciz (f) kif jigi spjegat infra fil-paragrafi 3.12 u 3.13**.

Illi l-kundizzjoni tal-konvenut ta' omosesswalita' hija l-anomalija serja li taghmilha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, la darba iz-zwieg skond il-ligi taghna hija unjoni bejn mara u ragel li tinkorpora relazzjoni ntima bejn l-istess zewg sessi. Bhala provi ssir riferenza ghall-paragrafu 3.7. subparagrafi a] sa g] supra. *Inoltre* huma relevanti s-segwenti pronunzjamenti kontenuti fis-sentenza moghtija mit-**Tribunal Apostoliku tar-Rota Romana** (**coram RAPHAEL FUNGINI** - nullita' ta' zwieg (RN -VO) sentenza definittiva tad-19 ta' Dicembru, 1994):

*" Indeed, it is difficult to determine and define every single obligation of marriage, but, without any doubt, one must include in the list the obligations which are derived from the essential properties of marriage itself in accordance with canon 1056, i.e. from unity and indissolubility and from the ends and purposes of*

*marriage which are fundamentally proper to it according to* ***canon 1055 # 1****. Moreover, one is to pay attention to the definition of the marriage consent, which is provided by canon 1057 # 2, and according to which, the contracting parties mutually give and accept each other, through an irrevocable mutual covenant, in order to establish a partnership of the whole life, which "by its very nature is ordered toward the good of the spouses and the procreation and education of offspring" (****can. 1055 # 1).***

*... However, the required mutual giving and acceptance is frustrated by the homosexality of either party, for the reason that those who have this condition "suffer a perversion or, more correctly, an inversion in the erotic appetite" (coram Pompedda, 6th October 1969, SRR. Dec., v.XLI, p.916, n.2) and "fundamentally and primarily are drawn towards their own sex, but only per accidens towards the other sex, and they are impeded by such instinct from being able to accept a hetersexual partnership of life, even if they were willing to do so" (c. Anne', 6th February 1973, SRR. Dec., v. LXV, p.64, n.2).*

*... . ... the homosexual contracting party is incapable of giving himself and receiving and cannot exchange the proper and exclusive right which is required by the law of nature. Moreover he is unable to assume and fulfil the obligations which are derived from the essential properties of marriage."*

*"Homosexual tendencies, which are ingrained in an anomalous personality structure, are opposed to the very essence and properties of marriage: for they hinder those who suffer from such tendencies from persuing conjugal love which is ordained to offspring, from making use of marriage in a human way to attain this purpose, from being faithful to a perpetual and exclusive bond and from establishing a partnership of the whole life for their mutual good and advantage." (Pagni 132 u 133 ta' No. 1 Vol. 8, 1997* ***FORUM A Review of Canon Law and Jurisprudence Edited and Published by The Maltese Ecclesiastical Tribunal****.)*

Illi l-provi imsemmija fil-paragrafu 3.10. supra juru wkoll li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut huwa vizzjat skond l-**artikolu 19 subartikolu (1) subinciz (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg** cjoe’ b'simulazzjoni permezz ta' l-eskluzjoni pozittiva ta' whud mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. *Inoltre* ghandu jigi kkonsidrat li l-attrici xehdet minn jeddha:-

*"... … Il-wasla tat-tarbija ghall-konvenut tant kienet xokk li qalli li kelli nibda niehu l-‘pill’ biex nevita ‘pregnancy’ ohra. Dak iz-zmien jiena kont qbilt ma' din id-decizjoni ghax ma ridtx ‘baby’ iehor; pero' meta t-tifel kellu xi sentejn jiena bdejt nixtieq li jkolli ‘baby’ iehor pero' r-ragel ma ried jaf bl-ebda mod u ghalhekk bqajt fuq il-‘pill’." "... ir-relazzjonijiet sesswali bejnietna wara t-twelid tat-tifel bdew jonqsu peress li r-ragel kien qieghed jibza' hafna li nerga' nohrog tqila. ... ." "... . Huwa beda johodha ‘for granted’ li Monday hija l-‘off day’ tieghu u kien jghidli: "Meta inti kont qeghda tistudja, jiena kont niehu hsieb it-tarbija u issa ghandi bzonn l-ispazju tieghi."*

Illi jirrizulta li s-simulazzjoni tal-konvenut hija parzjali u mhux totali pero' *in ogni caso* xorta wahda bhala konsegwenza ta' dan it-tip ta' simulazzjoni, il-kunsens matrimonjali huwa nvalidu. F'dan ir-rigward huma rilevanti s-segwenti spjegazzjonijiet:-

*"Il vizio del consenso matrimoniale che gli autori e la giurisprudenza qualificano normalmente come simulatio, nel* ***can. 1101*** *vieni chiamato exclusio. Questa figura viene anche chiamata consensus simulatus o consensus fictus. La ragione e' che se il consenso interno dell'animo non corrisponde alle parole o segni esterni, o meglio, se le parole e segni esterni non corrispondono al consenso interno, tale azione umana e' una simulazione." (Pagni 379 u 380 tal-fuq imsemmi ktieb:* ***"Il Sacramento del Matrimonio".****)*

*".... . In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita' " matrimoniale, cjoe’ del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente",*

*vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proprietatem. Ad ogni modo, si tratti della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l'effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue i casi e' sempre invalido."(Pagna 382 tal-fuq imsemmi ktieb:* ***"Il Sacramento del Matrimonio"****.)*

Illi ghalhekk abbazi ta' dak premess l-brava Perit Legali Dr. Irene Bonello kkonkludiet li *"jirrizulta li z-zwieg in ezami huwa null a bazi ta' l-****artikolu 19 subartikolu (1) subincizi (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg****, u jsegwi li t-talba attrici ghandha tigi milqugha".*

Illi din l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u relazzjoni peritali tal-gharfa perit legali, taqbel mal-konkluzjonijiet hemm raggunti, u partikolarment dwar l-espozizzjoni tal-ligi u l-applikazzjoni tal-istess ghall-provi fil-kawza *de quo,* u taddotta l-istess rapport peritali u l-konkluzjonijiet hemm raggunti, b'dan li tali zwieg bejn il-kontendenti ghandhu u qed jigi dikjarat null *ai termini* tal-artikoli appena citati.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat fl-4 ta' Ottubru 1987 bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi u dan skond l-**artikolu 19 subartikolu (1) subincizi (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Novembru 2002**